MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-18 ta' April, 2013

Numru. 1117/2010

**Pulizija**

**Vs**

**Stephen Buhagiar**

**Ref: 1117/2010**

**Illum 18 ta’ April, 2013**

Il-Qorti:

rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Stephen Buhagiar ta’ 43 sena, iben il-mejtin Paul u Rosaria xebba Spiteri, imwieled Sliema nhar it-28 ta’ Settembru 1967, residenti gewwa l-fond Hawthorn, Triq D Famucelli, Ibragg, Swieqi, u detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 395667M:

Akkuzat talli:

Fit-23 ta’ Marzu 2010, ghall-habta ta’ l-erbgha u hames minuti ta’ wara nofsinhar, f’dawn il-Gzejjer u cioe` gewwa Triq Depiro, Tas-Sliema, ingura, hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkariga skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li dan kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti.

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat;

Tiddeciedi billi fl-ewwel akkuza ma ssibux hati, tilliberah stante ma jirrizulta bl-ebda mod li huwa ngurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi mis-Servizz Pubbliku.

Jirrizulta illi nqala’ argument bejn l-imputat u membri tal-Kunsill Lokali ta’ tas-Sliema, kien argument civili fuq arblu ta’ festa u matul dan l-argument l-imputat Stephen Buhagiar imbutta lil wiehed membru ta’ dan il-kunsill b’subghajh biss. Din ghalija din mhi xejn, la ngurja, la theddid, la xejn.

Konsegwentement it-tieni imputazzjoni lanqas ma tirrizulta ghaliex ma jirrizultax li ghamel xi forma ta’ rezistenza lil hadd.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tillibera lill-imputat minn kull htija u piena.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------